**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 202/17NL**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**

**Vs**

**Angele Grima (24483G) u Karl Stivala (40183M)**

Illum it-2 ta' Novembru 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tas-socjeta' rikorrenti ppresentat nhar l-20 ta' Lulju 2017 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lil-intimati ihallsu s-somma komplessiva ta' €7,930 rapprezentanti danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' rikorrenti favur is-socjeta' Mapfre Middlesea plc wara incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Marzu 2013 fi Triq il-Parrocca, Naxxar fejn kienet involuta l-vettura bin-numru JBL-737 proprjeta' tal-konvenuta Angele Grima u misjuqa mill-konvenut l-iehor Karl Stivala.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Angele Grima tat-13 ta' Settembru 2017 fejn eccepiet illi (i) fil-hin tal-incident il-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-konvenut l-iehor Karl Stivala (ii) il-konvenut Karl Stivala kien qed isuq l-istess vettura minghajr il-kunsens u permess ta' Angele Grima (iii) meta l-konvenuta Angele Grima ghamlet il-*claim* taghha mas-socjeta' rikorrenti, hija ma kinitx konsapevoli tal-fatt li Karl Stivala kien, fil-hin tal-incident, taht l-effett tax-xorb (iv) in vista tal-premess, il-konvenuta Angele Grima ma ghandha taghti xejn lissocjeta' rikorrenti billi hija kienet qed tagixxi *in buona fefde* meta ghamlet il-*claim* mas-socjeta' rikorrenti u dan kif gja' spjegat fin-nota taghha tat-18 ta' Jannar 2016 b'risposta ghall-ittra ufficjali ezekuttiva numru 24/2016 (v) konsegwentement it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Karl Stivala tad-29 ta' Jannar 2019 fejn eccepixxa illi (1) it-talbiet huma preskritti a tenur tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili b'referenza ghall-artikolu 226 (1) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) f'kull kaz, il-konvenut Stivala ma kinex l-assigurat tas-socjeta' rikorrenti (3) it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt, fid-dritt u fil-mertu u dan kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2019 fejn din il-Qorti diversament ippresjeduta ordnat li, in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Karl Stivala, jibdew jitressqu l-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019, il-konvenut Karl Stivala ddikjara li m'ghandux aktar provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2021, is-socjeta' rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Karl Stivala.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat u semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' rikorrenti fil-15 ta' Gunju 2021, u dan in kwantu fis-seduta miftehma ghat-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-konvenut Karl Stivala ma deherx;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza preliminari u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Mill-provi jirrizulta li fl-24 ta' Marzu 2013, ghall-habta tas-7:35pm fi Triq il-Parrocca, Naxxar, il-vettura JBL737, proprjeta' tal-konvenuta Angele Grima, kienet involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura KRT165. Jirrizulta li anke x-xufier tal-vettura KRT165 sofra griehi gravi. M'huwiex kontestat li x-xufier tal-vettura JBL737 kien il-konvenut Karl Stivala, u li huwa kellu l-pussess

[1] Folio ____ ta' l-atti processwali

ta' din il-vettura minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' sidha, il-konvenuta l-ohra Angele Grima. Sussegwentement, jirrizulta li l-konvenuta Angele Grima, ossija l-assikurata, fethet *claim* mas-socjeta' rikorrenti liema formula hija datata 3 ta' April 2013[2]. Minn harsa hafifa ta' din il-formula, id-dettalji kollha huma ttajpjati bil-*computer* filwaqt li fil-qiegh tat-tieni faccata hemm zewg firem u zewg dati miktuba bl-idejn. Mill-provi jirrizulta li l-firem huma tal-konvenuta Angele Grima u tal-konvenut l-iehor Karl Stivala.

Issa minn din il-formula jirrizulta wkoll li s-socjeta' assikuratrici kellha certa informazzjoni bazika tal-incident, inkluz in-numru tar-rapport tal-pulizija u cioe' 8/S/689/2013[3]. Din l-informazzjoni, ghalhekk, kienet waslet ghand is-socjeta' rikorrenti ghall-habta tal-bidu ta' April 2013 – ftit wara l-incident.

Issa s-socjeta' rikorrenti tghid li hija kienet ghal kollox inkonsapevoli tal-fatt li Karl Stivala mhux biss kien xurban fil-mument tal-incident, izda kien ukoll ammetta numru ta' imputazzjonijiet kriminali fil-konfront tieghu, fosthom dik taht l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ix-xhud Glenn Mercieca, ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti jikkonferma li l-*claim form* firmata mill-konvenuti 'intbaghtitilhom' u li a bazi ta' dik l-informazzjoni, huma hallsu lit-terza persuna. Ikompli jispjega li kien biss 'snin wara' li saru jafu dwar il-fatt li Karl Stivala kien taht l-effett tax-xorb meta sehh l-incident stradali. F'nifs iehor, pero', jghid li huma kienu infurmati li kien taht l-effett tal-alkohol fis-7 ta' Marzu 2014. Jirrizulta wkoll li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi li kienu datati 5 ta' Frar 2014 u li ghalihom, l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet proprju fis-7 ta' Marzu 2014. Is-

[2] Folio 42 ta' l-atti processwali
[3] Ara Fol. 42 tal-process

sentenza finali nghatat fil-15 ta' Jannar 2016 u l-imputat gie misjub hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Is-socjeta' rikorrenti prezentat ittra ufficjali ezekuttiva fil-konfront taz-zewg konvenuti fis-7 ta' Jannar 2016. Dan l-att gudizzjarju gie notifikat lill-konvenuta Angele Grima fit-13 ta' Jannar 2016[4] u lill-konvenut Karl Stivala f'xi data bejn l-4 ta' April 2017 u l-24 ta' April 2017[5]. Fil-fatt, dan tal-ahhar prezenta n-nota ta' oggezzjoni tieghu a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-20 ta' April 2017[6] filwaqt li Angele Grima prezentat taghha fit-18 ta' Jannar 2016[7]

Il-kawza odjerna, imbaghad, giet prezentata fl-20 ta' Lulju 2017 u filwaqt li l-konvenuta Angele Grima giet notifikata fis-16 ta' Awissu 2017, Charles Stivala gie notifikat bil-procedura tal-bandu ghan-nom t'ibnu l-konvenut Karl Stivala fil-21 ta' Jannar 2019, u effettivament, l-istess konvenut prezenta risposta fid-29 ta' Jannar 2019.

**Ikkunsidrat**

**L-Eccezzjoni Preliminari**

Issa l-konvenut Karl Stivala ressaq eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata kemm fuq l-artikolu 2153 (u cioe' preskrizzjoni ghal azzjoni delittwali) u kif ukoll fuq l-artikolu 2154 (u cioe' preskrizzjoni ghal azzjoni delittwali naxxenti minn reat kriminali).

[4] Fol. 83 tal-process
[5] Ara fol. 86 tal-process.
[6] Fol. 89 tal-process
[7] Fol. 85 tal-process.

It-tnejn li huma jgorru terminu preskrittiv ta' sentejn.

Min-naha taghha, is-socjeta' rikorrenti tirrespingi l-argumenti tal-konvenut Stivala fuq zewg binarji – l-ewwel u qabel kollox, hija tghid li in kwantu si tratta ta' *claim* maghmula miz-zewg konvenuti, u in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq ksur ta' polza ta' assikurazzjoni, it-terminu preskrittiv huwa dak ta' 5 snin. It-tieni argument imbaghad huwa dak fejn jinghad li anke kieku stess it-terminu preskrittiv kien ta' sentejn, xorta wahda dan kien ghadu ma ddekorriex fil-jum tal-prezentata tal-kawza peress li s-socjeta' assikuratrici setghet biss tezercita l-azzjoni taghha mid-data tas-sentenza kriminali fil-konfront tal-konvenut Stivala, jew, fl-aghar ipotesi, fid-data li ammetta l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Id-data ta' dan l-ahhar episodju, is-socjeta' rikorrenti tidentifikaha bhala t-23 ta' Ottubru 2015.

Fiz-zewg istanzi, targumenta s-socjeta' rikorrenti, it-terminu preskrittiv ta' sentejn ma kienx ghadu ddekorra.

**Terminu preskrittiv kontrattwali jew delittwali**

Il-konvenut Karl Stivala fl-eccezzjoni tieghu jargumenta li fil-konfront tieghu, u cioe' gjaladarba ma kienx hu l-assigurat, ir-relazzjoni tieghu mas-socjeta' rikorrenti ma tistax tkun wahda kontrattwali, izda merament delittwali.

Min-naha taghha, is-socjeta' rikorrenti taghmel referenza ghall-*claim form* li huwa ffirma fir-rigward tal-incident u li tinsab ezebita fl-atti – liema *claim form* hija indirizzata lis-socjeta' rikorrenti u datata April 2013.

Fit-trattazzjoni da parti tal-avukat tas-socjeta' rikorrenti, saret referenza ghas-sentenza fl-imsijiet **Elmo Insurance Ltd vs Saviour Camilleri et**[8]. Issa f'din il-kawza, ukoll kien hemm eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mix-xufier tal-vettura li ma kienx l-assikurat – u hu wkoll argumenta li allura l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz tieghu kien dak ta' sentejn. F'dik is-sentenza, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Marzu 2021, il-Qorti ddecidiet hekk:

> Illi huwa risaput illi fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni naxxenti mir-responsabbilita` kontrattwali, l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. **Konformament, ir-responsabbilita` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, li skont il-kaz ikun hemm bejn il-partijiet kontendenti**. Il-gurisprudenza in materja tghallem li meta jkun hemm inadempjenza jew twettiq hazin tal-obbligi naxxenti minn patt konvenzjonali, ma tkunx applikabbli l-*culpa aquiliana*, u biex tkun applikabbli l-*culpa aquilina* u l-preskrizzjoni relattiva ta' sentejn, **jehtieg li r-responsabbilita` ma jkollha ebda relazzjoni diretta mal-kuntratt invokat.**[9]

Dan l-insenjament jirrifletti decizjonijiet ohra inkluz dik tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Busuttil vs Schembri** moghtija fid-19 ta' Frar 1954 fejn jinghad li "*biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali* ***jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti***"[10].

[8] Avviz Numru 237/2017RM deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Novembru 2018
[9] *Ibid*., pp.8-9
[10] Ara wkoll Helen Borg et vs Waterproofing-it Limited deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2007. Il-kap tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gie konfermat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) b'sentenza tas-6 ta' Frar 2015

Fis-sentenza hawn fuq isemmija ta' Elmo Insurance Ltd vs Saviour Camilleri et, din il-Qorti diversament ippresjeduta iddecidiet li x-xufier tal-vettura (mhux l-assikurat) xorta wahda kellu jwiegeb ghad-dannu kontrattwali peress li n-natura tal-azzjoni intavolata mis-socjeta' rikorrenti kienet wahda li tirreferi ghal danni emergenti minn ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, u mhux attribbwibbli mill-incident awtomobilistiku li fih kienet involut l-istess vettura assigurata. Li kieku kienet din ta' l-ahhar, id-danni kienu jkunu dawk akwiljani, u konsegwentement, preskritti bit-terminu ta' sentejn.

Di piu', din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pro et noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2011, u fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fis-27 ta' Frar 2015. Ghalkemm fuq materja differenti, f'dik is-sentenza, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet hekk:

> Illi huwa magħruf li l-artikolu 2156(f) jgħodd għal żewġ għamliet ta' azzjonjiet li jitkellmu dwar krediti: dawk dwar krediti ewlenin jew prinċipali (fejn is-somma mitluba hija l-ħlas tal-obbligazzjoni nnifisha) jew krediti aċċessorji mitluba fis-sura ta' soma flus (fejn l-obbligazzjoni ewlenija tkun rabta kuntrattwali ta' xort oħra). Minbarra dan, huwa wkoll stabilit li fejn il-mertu tat-talba attriċi ma jkunx il-ħlas ta' somma flus, il-preskrizzjoni tal-ħames snin ma tkunx tgħodd għall-każ.

L-istess jinghad fis-sentenzi **Mifsud vs Pullicino** deciza fid-19 ta' Ottubru 1954[11] u fis-entenza **Buttigieg et vs Caruana** deciza fl-14 ta' Frar 1955[12].

[11] Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.588
[12] Kollezz. XXXIX.i.101

Issa f'dan il-kaz, il-ksur tal-obbligu kontrattwali li a bazi tieghu tinsab imsejsa l-azzjoni attrici johrog aktar car mill-fatt li l-konvenut Karl Stivala iffirma hu wkoll il-*claim form* indirizzata lis-socjeta' rikorrenti.

B'hekk, din il-Qorti tqis li in kwantu l-konvenut Karl Stivala eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 u tal-artikolu 2154 (1) tal-Kodici Civili, tali eccezzjonijiet ma jreggux, in kwantu l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkennali.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Karl Stivala u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**